MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 128/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Anthony Saliba**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Saliba talli (flimkien ma' persuna ohra u cioe` Matthew Saliba li originarjament tressaq flimkien mieghu) nhar it-13 ta' Awwissu 2003 ghall-habta tas-1 p.m. gewwa triq il-Wied Balzan:

(a) holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanza, sabiex dan il-fatt jew cirkostanza jkunu jistghu il-quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b'hekk din il-persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

(b) iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma’ sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li jistghu jinbdew proceduri Kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;

Rat ukoll l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-istess Anthony Saliba wahdu:

(c) talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ flus u oggetti ohra, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna kif ukoll bil-valur li jeccedi l-elf lira Maltin u li sar ghad-detriment ta’ Reno Micallef u jew id-dirigenti tal-Kumpanija Simonds Farsons Cisk plc;
(d) kif ukoll talli, fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, appropja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor, li giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema haga giet fdata jew ikkunsinnata lilu minhabba l-professjoni, industrija u kummerc, amministrazzjoni kariga jew servizz tieghu jew minhabba depozitu necessarju u liema ammont ta’ hsara maghmula minnu huwa aktar minn elf lira Maltin;

(e) u finalment talli f’dawn il-Gzejjer, irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikolu 49 u 50 u 289 tal-kap. 9 tal-ligijiet ta’ Malta wara li kien instab hati b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma’ jistghux jigu mibdula;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Gunju 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Saliba hati ta' l-ewwel, it-tieni u r-raba' imputazzjonijiet filwaqt li lliberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra, u kkundannatu ghal terminu ta’ prigunerija ta’ hames (5) xhur mid-data ta' dik is-sentenza kif ukoll interdicietu skond l-artikolu 109 kif rikjest mill-artikolu 110 tal-Kodici Kriminali;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Anthony Saliba tas-16 ta’ Gunju 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. tikkonfermaha fil-parti fejn sabet lill-imputat mhux hati u cioe` fl-akkuza (c) u fl-akkuza (e);
2. thassarha u tirrevokaha fil-parti fejn sabitu hati u cioe` fl-akkuza (d) u kwindi minnha tilliberah skond il-ligi mill-imputazzjonijiet, htija w piena;
3. Tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda reita` tal-akkuzi (a) u (b) izda tirriformaha fil-parti tal-piena tas-sentenza u cioe` fl-akkuzi (a), (b) u (d) moghtija mill-ewwel Qorti fl-ismijiet hawn fuq premessi u tinfliggi piena aktar idoneja u li tirrispekkja l-kaz in ezami;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni ta' Dott. Chris Cardona ghall-appellant u ta' Dott. Anthony Barbara ghall-appellat Avukat Generali;

Ikkunsidrat:
L-aggravju principali ta' l-appellant jirrigwarda ir-raba' imputazzjoni, dik ta' approprjazzjoni indebita. Huwa jsostni li "sa mill-bidu nett kellu l-intenzjoni li jirrestitwixxi l-oggetti in kwistjoni u tali intenzjoni kellha bhala fondament ic-certezza ta' l-istess restituzzjoni u ma kenitx semplicement ibbazata fuq l-isperanza ta' eventwali restituzzjoni. Tant hu hekk li l-istess intenzjoni immanifestat ruhha fir-restituzzjoni effettiva u immedjata. B'hekk … qatt ma biddel il-*causa possidendi* fir-rigward ta' l-oggetti f'*causa dominii*." L-appellant ighid ukoll li huwa ma kellux id-*dolo* mehtieg ghar-reat in dizamina peress li qatt ma kellu l-intenzjoni li ma jirrestitwix l-oggetti lil sidhom. U jkompli: "L-element formali ta' dan ir-reat jikkonsisti fil-*"volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro"* (Majno, L., Commento al Codice Penale Italiano, UTET (Milano), 1922, Vol. IV, pagna 105). Illi, l-awtur Giovanni Giuriati jsostni li l-intenzjoni li wiehed jirrestitwixxi l-oggetti tinnewtralizza l-iskop ta' qligh jew profitt bi pregudizzju tal-vittma (Trattato di Diritto Penale, Vol. XI, Delitti Contro la Proprieta`, Casa editrice Dott. Francesco Vallardi (Milano), 1913, pp. 375 - 376). Tali intenzjoni izda jrid ikollha bhala fondament ic-certezza tar-restituzzjoni u mhux tkun semplicement ibbazata fuq l-isperanza ta'

eventwali restituzzjoni, tali intenzjoni fil-parti l-kbira tal-kazijiet timmanifesta ruhha fir-restituzzjzoni effettiva u immedjata (Giuriati, G., ibid.; Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale - Parte Speciale I, Giuffre` (Milano), 1986, pp. 285 - 286)."

L-appellant mela jinsisti li huwa kellu l-intenzjoni li jirrestitwixxi kollox lil sidhom u ghalhekk ma kellux il-hsieb idawwar bi profitt ghalih il-flus li kienu fdati lilu minhabba n-natura tax-xoghol tieghu. Tant hu hekk, isostni, li kien hemm ir-restituzzjoni effettiva u immedjata.

Issa mill-provi jirrizulta li l-appellant u ibnu (li kien ko-imputat mieghu) kienu jahdmu mas-socjeta` Ta' Karla Ltd., distributuri tal-prodotti ta' Farsons. Fit-13 ta' Awissu 2003 ftiehem ma' ibnu biex jirrapportaw li sarilhom *hold-up* u mid-deskrizzjoni li jaghtu, il-Pulizija tkun tista' tasal ghal xi nies jghidulhom "tat-Tally" li, skond l-appellant, kienu qeghdin jhedduh. Fil-fatt hekk gara izda minn osservazzjonijiet li l-Pulizija ghamlet fuq il-post, giehom suspett li r-rapport ma kienx genwin u ghalhekk l-appellant u ibnu gew arrestati u interrogati. Huma fil-fatt ammettew li r-rapport li ghamlu kien falz. L-appellant sadattant kien ghadda l-flus kif ukoll il-mobile tieghu lil habib tieghu biex izommhomlu izda wara li kien stqarr il-verita` mal-Pulizija, marru biex jigbruhom u effettivament gew esebiti waqt il-kumpilazzjoni.

Huwa veru li skond l-appellant l-intenzjoni tieghu kienet li jehel haddiehor, u cioe` l-ahwa "tat-Tally", sabiex "jehles" minnhom minhabba t-theddid li allegatament kienu qeghdin jaghmlulu. Izda minn imkien fl-istqarrija tieghu ma jirrizulta li huwa kellu l-intenzjoni li jirrestitwixxi l-flus. Meta gie mistoqsi x'kien ghamel bihom il-flus u l-mobile, huwa wiegeb:

"Jien meta kont fejn 31 Bar cempilt lil siehbi u ghidtlu biex jigi hemm hekk ghax ridt inkellmu. Fil-fatt gie u jien tajtu l-flus u l-mobile u ghidtlu biex izommhom sakemm nigi jien ghalihom. Irrid nghid li jien ghidtlu li kienu tieghi."

Il-kumplament ta' l-istqarrija tieghu jikkonsisti f'rakkont ta' dak li wasslu biex jaghmel dak li ghamel, u cioe` tat-theddid li jghid li kien qieghed jircievi u ta' kif, ghalkemm kien jirrapporta lill-Pulizija, dehrlu li ma kienu qeghdin jaghmlu xejn dwar dawn ir-rapporti. Kieku ppersista fl-istorja tieghu dwar il-*hold-up*, din il-Qorti ma tistax timmagina kif l-appellant seta' jkollu fl-istess hin l-intenzjoni tar-restituzzjoni. Ir-restituzzjoni immedjata u effettiva li ghaliha jirreferi l-appellant saret biss minhabba li l-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom giehom suspett li r-rapport dwar il-*hold-up* ma kienx wiehed genwin[1] u l-appellant, meta gie interrogat, iddecieda li jghid il-verita`. Ir-restituzzjoni ma saritx ghax l-appellant kien diga` b'xi mod immanifesta dik l-intenzjoni. Difatti, tirribadixxi din il-Qorti, mill-istqarrija tieghu ma tirrizulta l-ebda indikazzjoni ta' kif kien sejjer jirrestitwixxi l-flus lil sidhom!

Konsegwentement dan l-aggravju huwa michud.

It-tieni aggravju jirrigwarda l-piena. L-appellant isostni li l-piena nflitta fuqu hija wahda harxa z-zejjed in vista tal-fatt li kkoopera mal-Pulizija u rregistra ammissjoni.

Il-principju regolatur huwa li mhux normali li tigi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti jekk il-piena nflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun inghatat.

F'dan il-kaz il-piena hija decizament entro l-parametri tal-ligi, anzi meta jigu analizzati l-pieni stabbiliti ghar-reati li dwarhom l-appellant instab hati, din il-Qorti tikkonkludi li l-piena nflitta hi effettivament wahda pjuttost miti. Huwa veru li l-appellant ikkoopera mal-Pulizija, izda dan gara ghaliex il-Pulizija giehom suspett li l-affarijiet ma kinux kif kien qieghed jirrakkontahom l-appellant dwar l-allegat *hold-up*. Kwantu ghall-ammissjoni, dan kien biss dwar l-ewwel zewg imputazzjonijiet u giet registrata ammissjoni dwarhom fl-4 ta' Frar 2004, wara li l-prosekuzzjoni kienet ghalqet il-provi taghha. Inoltre l-fedina penali ta' l-

[1] Ara xiehda ta' l-Ispettur Kevin Farrugia a fol. 39, ta' Dr. Mario Scerri a fol. 102, ta' l-espert tekniku Joseph Zammit a fol. 120, ta' l-Ispettur Carmelo Magri a fol. 190 u dik ta' l-Ispettur Silvio Valletta a fol. 198.

appellant ma hi xejn ezemplari, ir-rapport falz u cirkostanzi fittizji li holoq kienu dwar reati gravissimi, u sahansitra involva lil ibnu minorenni biex iwettaq il-pjan tieghu.

Ghalhekk anke l-aggravju dwar il-piena huwa michud.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------